MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Numru. 22/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**
**Roseanne Grixti**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Roseanne Grixti ta’ 25 sena, imwielda fil-05 ta’ Frar 1983, Pieta’, bint Carmel u Rita nee’ Zammit u residenti f’Block B4 Flat 8, Triq il-Porzjunkola, San Pawl il-Bahar u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 118383(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

Fi 17 ta’ Awwissu 2008 f’xi hin bejn nofs inhar u seba ta’ filghaxija f’dawn il-gzejjer f’Bugibba, San Pawl il-Bahar volontarjament ghamlet hsarat li huma aktar minn 23.33 euros u anqas minn 2330 euros fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAA 695 ghad-dannu ta’ Louis Grixti.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-proceddiment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta’ Marzu 2010 (esebit a fol. 17 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-12 ta’ Marzu 2010 iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Ikkunsidrat:

Illi f’dan il-kaz l-imputata tinsab akkuzata li kkagunat hsara volontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAA 695 liema vettura hija propjeta’ ta’ zewgha Louis Griscti. Dan tal-ahhar deher fl-udjenza tal-25 ta’ Gunju 2010 fejn iddikjara li kien qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputata u kien qed jaghzel li ma jixhidx fil-konfronti taghha stante li hija martu.

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova ohra li tindika lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputata kienet ikkagunat il-hsara fil-vettura propjeta’ ta’ Louis Griscti u ghalhekk hija ma tistghax titqies li pruvat l-akkuza minnha migjuba fil-konfronti tal-imputata sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------